



Il-Kummissjoni
Ewropea


Il-ġimgħa Ewropea
għall-ħiliet vokazzjonali



SKEDA INFORMATTIVA TAL-MIDJA SOĊJALI

European Vocational Skills Week hija inizzjattiva li tiġi organizzata fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, b' serje ta' avvenimenti li se jsiru fi Vjenna mill-5-9 ta' Novembru 2018. Il-midja soċjali tista' tintuża biex tippromovi l-avveniment tiegħek u tingħaqad ma' avvenimenti oħrajn fis-settur jew fiż-żona tiegħek. Tista' tgħin ukoll biex issaħħaħ il-profil tal-organizzazzjoni tiegħek u tgħinek biex timpenja ruħek direttament ma' nies li jistgħu jkunu interessati jattendu.

X'INHU JIĠRI MATUL IL-KAMPANJA?



INVOLVI RUĦEK

SEGWINA!

Segwina fuq dawn il-pjattaformi tal-midja soċjali u kun parti mill-konverżazzjoni billi tuża l-hashtags:

#EUVocationalSkills

#DiscoverYourTalent

Nitolbuk taqşam il-kontenut permezz ta' dawn il-mezzi.



@EU_social



@EuropeanYouthEU



@socialeurope

AQSAM IL-KONTENUT

Tista' tiegħu sehem fil-Ġimgħa billi toħloq kontenut dwar xogħlok fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali billi taqşam stampi u vidjows. Ftakar li għandek tuża l-hashtags biex tilħaq u tispira iktar nies madwar l-Ewropa!

Aqsam l-esperjenzi tiegħek bl-avvenimenti tiegħek permezz ta' pjattaformi ta' midja soċjali differenti. Dan ser ikun mod tajjeb biex ixerred il-kelma u tinkoraġġixxi oħrajn biex ifittxu avvenimenti, għalhekk huwa importanti li l-kontenut tiegħek ikun jattira l-attenzjoni! Huwa tajjeb li tuża taħlita ta' kontenut miktub u viżiv meta jkun possibbli (pereżempju, huwa inqas probabbli li jinqabeż u jiġi injorat test f' post fuq Facebook jekk magħha jkun hemm stampa li tattira l-attenzjoni). Meta tagħmel il-kontenut tiegħek stess, huwa importanti ħafna li tittejjja u tagħmel użu mill-hashtags uffiċjali biex iżżid l-għarfien u r-riċerkabilità tal-Ġimgħa,

dawn it-tags u hashtags jistgħu jintużaw f' kontenut miktub u viżiv. Parir importanti ieħor huwa li tkun kreattiv! Iż-żieda ta' emojis, filtri u stampi live mill-avveniment huwa mod tajjeb ħafna kif tiġi nnutat u żżomm l-udjenza impenjata matul il-Ġimgħa. Dejjem ftakar li trid iżżomm il-kontenut tiegħek xieraq għall-ambjent (għażel l-emojis tiegħek b' mod għaqli) u itlob il-permess tal-individwi biex ikunu fir-ritratti u fil-kontenut tiegħek.

Sir af iktar: ec.europa.eu/vocational-skills-week

#DiscoverYourTalent

Impjegi,
affarijiet soċjali
u inklużjoni

#EUVocationalSkills